# Ħaż-Żabbar impressjonani

Wara erba' snin ta' refuġju fir-raħal ta' Ħaż-Żebbuġ fis-snin tat-tieni gwerra dinjija, il-familja jiġifieri missieri, ommi, jien u oħti rnexxilna nsibu dar bi ftit ħsarat ġo Bormla. F'kemm ilni ngħidlek ġarrejna ħwejjiġna lejn din id-dar. Dar twelidna fil-Birgu ġġarrfet u baqgħet bla permess għall-bini mill-ġdid. Il-gwerra ma' Malta ntemmet rebbieħa fit-8 ta' Settembru 1943 fejn il-qniepen u l-baned reġgħu bdew isemmgħu leħinhom ferrieħi flimkien mal-logħob tan-nar organizzat fil-festi titulari. Il-*blackout*, il-*curfew*, ix-xelters, il-kju, ir-razzjon, il-*Victory Kitchens* intesew għal kollox. Il-popolazzjoni tat-tlitt ibliet Birgu, Bormla u l-Isla li kienu nferrxu ġo rħula tan-naħa ta' fuq ta' pajjiżna, reġgħu bdew isibu posthom f'darhom bħalma għamilna aħna f'Marzu tal-1944. Il-ħajja bdiet ġejja għan-normal għalkemm aktar tara b'għajnejk bini mġarraf minn dak wieqaf. Il-festi kemm dawk il-funzjonijiet fil-knisja flimkien ma' dawk ta' barra bdew jiġu ċċelebrati bis-solennità bħal qabel. Il-festa ta' San Lawrenz fil-Birgu nżammet bħas-soltu fil-ġurnata tagħha nhar l-10 ta' Awwissu u anki l-festa ta' Marija Bambina, il-Vitorja, festa nazzjonali iffesteġġjata nhar it-8 ta' Settembru. Ma kontx tara armar tat-toroq imma tkissir u ma kien hemm xejn x'jintrama, ħlief fustuni bid-dawl elettriku, iżda l-entużjażmu tal-poplu kien meraviljuż. X'tistenna - wara erba' snin ta' dieqa u deżolazzjoni fit-toroq tal-Kottonera!!!

### Il-Festa ta' Ħaż-Żabbar

Fit-tmiem il-ġimgħa ta' wara l-festa tal-Vitorja, taħbat il-festa tal-Madonna tal-Grazzja ġo Ħaż-Żabbar u missieri kien wegħedni li lejliet il-festa joħodni s'hemm biex ingawdu l-festa kif jafu jagħmluha ż-Żabbarin. Huwa kien infurmat minn ħabib tiegħu Alfons Buhagiar, missier Dun Franġisk Buhagiar, ħaddiem ma' ġenb missieri fit-Tarzna, bil-programm tal-jiem tal-festa. Wasal nhar is-Sibt u kif ix-xemx tiżreġ, battiet, missieri u jien tlaqna bil-mixi lejn Ħaż-Żabbar. Fit-triq iltqajna ma' korteo sħiħ ta' nies li deħrilhom li kellhom jagħmlu bħalna. Il-Maltin kienu ilhom jistennew dik il-ġurnata li jingħata permess mill-awtoritajiet ċivili għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-festi titulari kif konna mdorrijin nafuhom isiru.

Waqt din il-mixja, jien ta' tifel li kont, xewqan li nsir naf fuq ir-raħal Żabbari, bdejt nistaqsi diversi mistoqsijiet lil missieri u dan jispjegali. Bieb is-Sultan, kif inhu magħruf huwa fortifikazzjoni, ipproġettata mill-Granmastru Nikol Cottoner u s-swar li mdawwar bihom qegħdin fil-limiti ta' Ħaż-Żabbar bil-bieb ewlieni għall-Kottonera. Il-mina kienet imżejna bil-lampi taż-żejt ikkuluriti. Waqafna u għedna *Salve Regina* quddiem il-kwadru tal-Madonna armat f'niċċa fuq bieb il-mina. Dak iż-żmien il-passaġġi ta' mal-ġenb tal-istess bini, kienu għadhom ma nfetħux. Fis-snin ta' qabel il-gwerra, il-karozzi tal-linja kienu jagħtu servizz lejn Bormla, Ħaż-Żabbar u Wied il-Għajn u aħna konna ninqdew b'dan is-servizz biex fis-Sajf ninżlu lejn il-post tal-villeġġjatura. Konna nibżgħu meta naslu viċin il-mina. Is-sewwieq tal-karozza jnaqqas mill-ġiri filwaqt li b'ħila kbira jiċċentra l-vettura għal taħt il-mina kemm kemm tgħaddi, tħaxken mal-ħitan imma kien l-uniku passaġġ tal-karozzi bejn il-Kottonera u Ħaż-Żabbar. Għal kuntrarju, oħti u jien, kien kbir il-pjaċir tagħna meta naslu fil-bidu tat-triq ta' Wied il-Għajn u jibda jidher il-baħar kaħlani, bir-raġġi tax-xemx fuq mewġ ħafif, jinbidlu f'tlellix tal-fidda. Xi żiemel jew ħmar dejjem tarahom jieqfu jixorbu minn dik l-għajn tal-ilma għall-bhejjem, iktar 'l isfel fit-triq fejn hemm in-niċċa tal-kurċifiss u ngħidu Kredu lill-Imsallab.

Hekk kif dħalna fit-triq il-Kbira, l-ewwel tiltaqa' ma' kartelluni kbar bi stampi ta' films taċ-ċinema tat-teatru Buckingham. Żewġ teatri oħra kienu dawk tar-Royal u Hompesch *cinemas*. Fit-triq il-Kbira kienet għaddejja l-banda tal-Grazzja ddoqq il-marċi u iktar 'il ġewwa banda oħra msemmija għal San Mikiel, kienet qed tagħmel l-istess. It-toroq kollha mżejna u mixgħula f'festuni ta' dawl elettriku. Kif wasalna quddiem l-istatwa tal-Madonna tal-Grazzja, minquxa fil-ġebel,

opra tal-artist skultur Marjanu Gerada, missieri spjegali kif l-istatwa twaqqfet b'wegħda fit-triq tal-Knisja wara taqbida u rebħa tal-Maltin fuq il-Franċizi. Kif dawwart wiċċi, lmaħt il-faċċata tal-Knisja b'mixgħela ta' tazzi kuluriti taż-żejt bojod, sofor, ħodor, ħomor u blu jteptpu maż-żiffa tar-riħ joħolqu spettaklu mill-isbaħ u qatt ma kont rajt bħalha din ix-xena. Ir-raġel tas-sengħa li jixgħelhom kien jinżel imdendel wara li jkun rama t-tazzi sa minn ġranet qabel b'ċertu disinn, jimlihom biż-żejt u jqiegħed ċimblor bil-ftila. Meta jsir il-ħin, jerġa' jiddendel b'kanna bil-pitrolju f'idejh, biż-żennuna bil-ftila mixgħula biex titqattar qatra pitrolju taqbad f'kull tazza u t-tazza tixgħel. It-tazzi jintfew waħidhom matul il-lejl. Dan ix-xogħol jirrepeti ruħu fil-jiem tal-festa.

Quddiem il-Knisja kienu armati rdieden u logħob ieħor tan-nar lesti għall-ħruq. Dħalna fil-Knisja ninvistaw lill-Madonna tal-Grazzja biex taqgħlalna l-grazzji meħtieġa, speċjalment biex tintemm il-gwerra fil-kumplament tal-pajjiżi Ewropej u sseħħ il-paċi darba għal dejjem fl-Ewropa. Fil-Knisja ltqajna mas-Sur Alfons Buhagiar li spjegalna fuq xi proġetti li l-Kappillan Dun Ġuzepp Zarb għandu f'moħħu li jwettaq, fosthom ix-xewqa tiegħu u ż-Żabbarin kollha li jaraw il-kwadru titulari tal-Madonna jiġi inkurunat u li jinbena Mużew tal-Knisja. Ħriġna mill-Knisja, wara li rringrazzjajna lis-Sur Buhagiar u jien u missieri mxejna t-triq tal-Knisja magħrufa bħala triq is-Santwarju, triq qisha bla tmiem, twila, dritta, wiesa' bil-gallarijiet privati tal-familja mżejnin b'dawl għall-festa, il-Każini tal-futbol u tal-banda Maria Mater Graziae, iċ-Cirkolo tal-Azzjoni Kattolika, imwejjed tal-qubbajt, tal-ġelati u tar-ruġġata kemm trid li jiffurmaw il-qalba ta' raħal festiv. Hawn mhawnx bini mġarraf bil-bombi? "Il-bombi kullimkien intefgħu", wieġeb missieri, "Nies ċivili mietu wkoll u jekk inkomplu nimxu, naraw xi djar milquta però mhux daqs il-Kottonera li saret borġ ġebel". "Hawn mhawnx tlajja', inżul u turġien?"

"Le, Ħaż-Żabbar għandu dan il-vantaġġ importanti, livell wieħed minn kull fejn tgħaddi". Sadattant wasalna f'Misraħ San Ġakbu, u



hawnhekk rajna bini mġarraf, imma n-nies aktar kien moħħhom fil-ġiġġifogu lest biex jinħaraq. Il-Każin tal-banda San Mikiel kien imdawwal sewwa bil-membri u l-viżitaturi deħlin u ħerġin. Quddiem il-Każin kien hemm banda fuq il-palk tesegwixxi programm mużikali. Fuq il-bejt ta' partitarju tal-festa, kuntrattur tal-bini kellu musketterija bil-kulur li tieħu nofs siegħa biex tinħaraq kollha.

## Ħaż-Żabbar tallum

Jien kont għadni qatt ma rajt logħob tan-nar u xtaqt nibqa' hemm għax kien hemm pjaċir iżda missieri kien tal-ħsieb li naqbdu triqitna lura lejn darna minn triq oħra. Fejn tarf ir-raħal, stajna naraw bieb ieħor kbir tal-ġebel mibni forma ta' ark trijonfali, imsemmi għall-aħħar Granmastru Ferdinand Hompesch.

"Il-Granmastru", spjegali missieri, "Kien ġie mistieden mir-raħħala. Huwa wieġeb għal din l-istedina, saritlu festa kbira filwaqt li talbuh biex dan ir-raħal jibda jissejjaħ Citta' Hompesch.

Il-Granmastru laqa' t-talba tagħhom u bħala ringrazzjament tal-okkażjoni storika u għal memorja ta' kunjomu twaqqaf dan l-ark li kien imdawwal b'ħafna tazzi kuluriti taż-żejt, xena oħra li tiċċassak".

Kif wasalna lura d-dar, ommi sibniha tistennina. Jien iddeskrivejtilha dak kollu li rajt; il-kobor tar-raħal, in-nies, il-festa u l-Knisja. Kollox għoġobni.

"Qed nifhem li bqajt impressjonat b'dak li rajt", wieġbet ommi.

"Kollox impressjonani u beħsiebni nerġa' mmur Ħaż-Żabbar".

Mur ġib lil missieri u lil ommi jaraw lil Ħaż-Żabbar tat-tielet millennju. Mgħadux iktar raħal għax tant żdiedet il-popolazzjoni skond iċ-ċensiment tal-2005 li saret tlaħħaq 14, 671*. Issib banek kummerċjali, ħwienet u *supermarket*, sptar, kunventi, monumenti u knisja armata wisq, iżjed minn dik tal-1944, bil-kwadru tal-kor bil-Madonna inkurunata u bil-Mużew mimli oġġetti storiċi u arti sagra. Ħaż-Żabbar tallum mhux iktar raħal jew città tal-unur iżda belt moderna bħal ħafna bliet oħra fl-Ewropa.

***George Cilia***

**Nota tal-Editur**

*Sfortunatament il-popolazzjoni ta' Ħaż-Żabbar naqset bi 300 sas-sena li għaddiet (2009) tant li l-Kunsill Lokali li qabel kien iffurmat minn ħdax-il membru sal-2009, niżel għal disa' membri f'Ġunju tal-istess sena. Grazzi lil George Cilia tal-kitba ferm interessanti.


PHOTO PLAY
MALTA
Labour Road, Zabbar Tel 2180 1797
Mob. 9944 0075
photoplaymalta@gmail.com
Digital Prints € 0.15


*Dan ir-riklam qed jidher hekk fuq xewqa tas-Sid*


MICHAEL'S BUTCHER
YOUR DEDICATED BUTCHER

48, St. Anne Street, Marsaskala
Tel. 2163 2510
Opening Hours:
Mon. - Wed. - Fri. 7.30 to 13.00 / 16.00 to 19.00
Tue. - Thurs. - Sat. 7.30 to 13.00
Free Delivery Service
except Monday